bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Alexander Miruzzi)
vs
Brian Agius, iben
Emanuel, imwieled
Pieta' fis-17 ta' ottubru, 1976

Illum, 1 ta' ġunju, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
1. talli fit-8 ta' ottubru, 1999 għal ħabta tal-11.00 a.m. f'dawn il-Gżejjer ikkometta serq ta' batterija ta' karozza tal-marka Daganite li tiswa anqas minn ħamsin lira maltin (Lm50) minn vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAO 946,
tal-marka Marina għad-detriment ta' Godwin Farrugia, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa (batterija tal-marka Daganite), meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-5 ta' lulju, 2000 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi fit-8 ta' ottubru, 1999 il-pulizija ġiet infurmata permezz ta' telefonata anonima li karozza bin-numru tar-reġistrazzjoni ABB 843 kellha x'taqsam
mas-serq ta' karozza tal-marka Morris Marina, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAO 946. Il-pulizija saret taf li l-ewwel karozza kienet ta' ċertu Raymond Camilleri. Għalhekk, saret tfittxija fid-dar ta' l-imsemmi Camilleri u hemmhekk sabu batterija, tyres u radio cassettes. Id-derubat Godwin Farrugia, sid il-Morris Marina għaraf il-batterija u nforma l-pulizija li dik kienet tiegħu.

Raymond Camilleri ġie arrestat u hu stqarr mal-pulizija li dik il-batterija partikolari kien tahielu l-imputat Brian Agius.

L-imputat, Brian Agius, ġie arrestat u fl-istqarrija tiegħu ċaħad li hu kellhu

x'jaqsam ma dik il-batterija. Minn aktar provi prodotti jirriżulta li t-tlett persuni hawn fuq imsemmija kien jafu lil xulxin u l-imputat kien strumentali biex Godwin Farrugia xtara l-karozza Morris Marina li nbagħad ġiet misruqa.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat u Raymond Camilleri qattgħu l-parti kbira tat-8 ta' ottubru, 1999 flimkien. Raymond Camilleri ġie arrestat u interrogat fit-8 ta' ottubru, 1999. Brian Agius ġie arrestat l-għada u interrogat fid-9 ta' ottubru, 1999.

Iċ-ċirkostanżi jindikaw li dawn iż-żewġ persuni aktarx wettqu s-serqa flimkien iżda biex tiġi radikata responsabilita' kriminali, il-provi li għandhom jiġu prodotti jridu jkun tali li ma jħallux dubju. F'dan il-każ partikolari għajr għal fatt li Raymond Camilleri ndika lill-imputat li tah il-batterija u li qattgħu l-parti kbira tal-ġurnata flimkien, mhemmx xejn aktar.

Għaldaqstant, minħabba nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkużi.